MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2003

Appell Civili Numru. 34/1999/1

**Raymond u Sharon konjugi Borg**

**vs**

**Hal Mann Limited**

**Il-Qorti,**

Fit-22 ta' Mejju, 2002 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz fuq indikat datat it-12 ta' Jannar ta' l-1999 li permezz tieghu l-atturi sejhu lis-socjeta' konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi f'somma li tigi hekk likwidata u li ma teccedix l-elf lira Maltin (LM1,000), b'rizultat ta' xoghol ta' tqeghid ta' madum mis-socjeta' konvenuta fuq inkarigu tal-atturi, liema xoghol ma sarx skond l-arti u s-sengha u/jew peress li l-madum imqieghed kien difettuz;

2. Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-6 ta' Novembru, 1998 u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-Avviz sad-data tal-eventwali hlas - ilkoll kontra s-socjeta' konvenuta li qed tkun ingunta sabiex tidher ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-15 ta' Marzu ta' l-1999 li permezz taghha s-socjeta' konvenuta eccepiet is-segwenti:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt, billi l-materjal fornit kien skond il-kwalita' miftehma u x-xoghol maghmul skond is-sengha;

2. Salvi eccezzjonijiet ohrajn;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti inkluza r-relazzjoni ta' l-espert tekniku nominat minn din il-qorti;

Rat in-nota tas-socjeta' konvenuta datata s-16 ta' April tas-sena 2002 u dik tal-atturi datata 23 ta' April tas-sena 2002;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi fl-1997 l-atturi ordnaw kwantita' ta' madum minn ghand is-socjeta' konvenuta biex jigu wzati fil-garage u fit-tarrazzin taghhom;

2. Illi qabel ma gie konkluz il-kuntratt in dizamina s-socjeta' konvenuta baghtet impjegat taghha biex ikejjel il-postijiet fejn kellhom jitwahhlu l-madum u l-atturi allura hallew kollox f'idejn dan l-impjegat;

3. Illi kienu wkoll l-impjegati tas-socjeta' konvenuta li ffinalizzaw ix-xoghol u l-atturi hallsu l-ammont dovut kwazi kollu, eskluz il-"polish";

4. Illi wara perjodu ta' xahar il-madum imwahhal beda' jinkiser nonostante li dan kien twahhal fuq il-konkos;

5. Illi ghadda aktar zmien u l-madum baqa' jinkiser;

6. Illi s-socjeta' konvenuta regghet baghtet impjegati taghha biex jimmedjaw is-sitwazzjoni izda dan irrizulta li kien inutili peress li l-madum baqa' jinkiser;

Ikkonsidrat:

Illi minhabba n-natura specjalizzata tal-kwistjoni l-qorti kienet kostretta tinnomina perit tekniku biex jirrelata specifikament fuq is-segwenti kweziti:

1. Jekk il-madum tal-garaxx in dizamina giex imqieghed tajjeb skond is-sengha u l-arti;

2. Jekk il-madum uzat kienx ikkonsidrat ta' materja tajjeb;

3. Jekk il-hsarat irriskontrati humiex naxxenti miz-zewg fatturi msemmija qabel;

4. Jekk jirrizulta fl-affermattiv, l-ammont ta' danni in dizamina;

Ikkonsidrat:

Illi ezaminat funditus ir-relazzjoni peritali sottomessa u ma tistax ma tirrimarkax li l-espert nominat mar inutilment ferm oltre dak minnhu rikjest;

Illi konsegwentement din il-qorti tiddikjara li qed tirrespingi ghal kollox dawk il-partijiet tar-relazzjoni li jistraripaw mill-limitazzjonijiet specifici imposti mill-qorti fid-digriet tan-nomina taghha datat l-11 ta' Frar tas-sena 2000 u tawspika li dan ma jergax jirrepeti ruhu;

Ikkonsidrat:

Illi mir-relazzjoni de quo jirrizulta s-segwenti:

1. Illi parti zghira tal-madum hi danneggiata;

2. Illi x-xoghol ta' tqeghid sar skond is-sengha u l-arti;

3. Illi l-kwalita' tal-madum uzat hija tajba;

4. Illi l-hsarat ikkagunati huma rizultat ta' "grouting";

5. Illi r-rizultat finali m'hux dak mixtieq;

Ikkonsidrat:

Illi in vista tas-suespost din il-qorti tiddeciedi li:

1. Tiddikjara lis-socjeta' konvenuta responsabbli ghad-danni sofferti mill-atturi;

2. Tillikwida d-danni hekk sofferti fl-ammont ta' mitejn u hamsin Lira Maltin, (LM250.00,0), ekwivalenti ghall-hamsa u ghoxrin fil-mija, (25%), ta' l-ammont globali ta' danni mitluba mill-atturi;

3. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta Hal-Mann Limited thallas l-ammont ta' danni hekk likwidat lill-atturi Raymond u Sharon Borg, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data ta' l-ittra ufficjali tas-6 ta' Novembru ta' l-1998."

Is-socjeta` konvenuta appellat minn din is-sentenza b'sensiela ta' aggravji u lanjanzi f'dawn it-termini:-

(i) L-ewwel Qorti kienet zbaljata meta naqset li tiehu qies ta' zewg fatturi perentorji tal-gudizzju, u cjoe, li l-azzjoni attrici ma gietx formulata fl-ambitu specifiku tal-istitut tal-appalt, senjatament l-artikolu 1570 tal-Kodici Civili rez applikabbli bl-Art 1627 tal-Kap 16. Dippju, il-procedura istitwita kienet monka in kwantu kienet nieqsa minn talba dikjaratorja appozita ta' responsabilita` li kellha tkun preambulari ghat-talba kundannatorja ghad-danni.
(ii) Fil-meritu l-konkluzjoni raggunta kienet ukoll wahda zbaljata. F'dan il-kuntest tissottometti illi gjaladarba gie determinat illi l-madum kien tal-kwalita` miftehma u x-xoghol sar skond is-sengha u l-arti allura ma kellhomx imbaghad jigu likwidati danni. Ugwalment gie sottomess illi jekk ix-xoghlijiet rimedjali kienu sodisfacenti u l-atturi accettawhom ma kellux ikun hemm danni x'jigu likwidati.
(iii) L-ewwel Qorti zbaljat ukoll meta akkollat lis-socjeta` konvenuta ammont ta' danni korrispondenti ghal 25% ta' l-ammont globali pretiz mill-atturi.
(iv) L-ewwel Qorti kienet ingusta mas-socjeta` konvenuta meta addebitatilha l-ispejjez gudizzjarji kollha.

L-ewwel osservazzjoni li tixtieq taghmel din il-Qorti hi din. Hu principju maghruf illi fl-ghoti tas-sentenza f'kawza l-gudikant ghandu joqghod rigorozament fil-limiti tal-kontestazzjoni b'mod illi waqt li hu obbligat jokkupa ruhu mill-kwestjonijiet kollha dedotti fil-gudizzju mill-partijiet; minn naha l-ohra ma jistax jittratta u jirrisolvi kwestjonijiet li l-partijiet ma ssollevawx u ma ssottomettewx ghad-decizjoni tieghu. Dan dejjem salv meta non si tratta minn kwestjoni ta' ordni pubbliku fejn allura l-gudikant hu obbligat li jirrileva 'ex officio'. Ara "**Cacciattolo utrinque**", Appell Civili, 30 ta' Gunju 1976.

Fil-kaz prezenti titwila anke superficjali lejn l-eccezzjoni sollevata ghandha tibbasta biex turi illi fl-ebda mument is-socjeta` appellanti ma qajmet jew gabet ghall-attenzjoni tal-ewwel Qorti l-kontestazzjonijiet ta' indoli legali li issa ghogobha tissolleva bhala obbjezzjonijiet fil-konfront tas-sentenza appellata. Ma jidherx lanqas illi l-istess

obbjezzjonijiet kienu materji li l-gudikant kellu b'rigur procedurali jissolleva 'ex officio'.

Jekk allura s-socjeta` appellanti qeghda issa tirrileva dawn il-kontestazzjonijiet meta fl-ebda hin ma qajjmithom quddiem il-qorti ta' l-ewwel grad ma huwiex konsentit illi issa din il-Qorti ta'revizjoni tokkupa ruhha minnhom.

Dan anke ghaliex kif gustament rimarkat fid-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell tat-30 ta' Gunju 1997 fil-kawza fl-ismijiet "**Malcolm Cachia nomine –vs- Joseph Apps nomine**", "mhux lecitu li s-socjeta` konvenuta tqajjem materji ta' din ix-xorta quddiem il-Qorti ta' revizjoni kemm ghax dan ikun jissorprendi lill-kontroparti u jipprivaha mid-dritt tad-doppio ezami kif ukoll ghaliex il-Qorti ma ghandhiex bhala regola tippermetti li dan isir meta l-fatti li fuqhom dawn il-kontestazzjonijiet ikunu bazati ikun ovvjament diga` sewwa maghruf lill-appellanti qabel u waqt it-trattazzjoni tal-kawza quddiem l-ewwel Qorti".

Biex jinghad kollox din il-Qorti lanqas ma taqbel mal-aggravji hekk sollevati u principalment mal-argomenti fihom dedotti.

Ibda biex kif taraha din il-Qorti l-Artikolu 1570 citat mis-socjeta' appellanti jikkontempla l-kaz tar-rizoluzzjoni jew tat-talba ghall-adempiment ta' l-obbligazzjoni matul il-kors tal-appalt mentri fil-kaz in ispecie si tratta minn ezekuzzjoni gja kompletata ta' l-appalt. U allura mhux il-kaz ta' inadempjenza tal-obbligazzjoni li in forza taghha tista' tintalab l-adempiment in forma specifika anke kontra l-volonta` tad-debitur ta' l-obbligazzjoni jew il-hall taghha u r-rizarciment tad-danni. Ma kienx il-kaz li l-atturi appellati jeleggu xi wahda minn dawn it-toroq disponibbli f'kaz ta' appalt kompjut.

Kwantu ghall-allegat nuqqas tat-talba dikjaratorja tar-responsabilita`, din il-Qorti ma tarax kif dan l-aggravju jista' jigi sostenut. Fl-ewwel lok mill-kontenut tal-avviz lill-Qorti tirrizultalha illi t-talba ghad-danni hi konsegwenzjali ghad-dikjarazzjoni espressa dwar xoghol hazin u materjal difettuz fil-konfront tas-socjeta` konvenuta. Fit-tieni lok hu

pacifiku illi biex l-attur jasal ghal xi wahda mid-domandi tieghu ma hemmx bzonn li jsiru fic-citazzjoni taht forma ta' domandi imma kienet tibbasta d-dikjarazzjoni surreferita (**Vol XLI pII p688**). Fit-tielet lok ma ghandux jigi minsi illi fil-paragun mal-Artikolu 156 li jirrigwarda c-citazzjoni fil-Qrati Superjuri fil-Qorti Inferjuri, skond l-Artikolu 171 (1), bizzejjed li fl-avviz ikollok, oltre s'intendi l-firma tar-Registratur, l-ismijiet tal-partijiet, it-talba tal-attur, data u hin li fihom il-konvenut ghandu jidher (**Vol XL pI p635**).

Dan stabbilit u qabel kull konsiderazzjoni tal-aggravji fil-meritu l-Qorti thoss li jkun utili jekk anke f'dan il-kaz tirribadixxi dawn il-principji:

(i) "L'imprenditore ha l'obbligo di eseguire bene l'opera commessagli, secondo i dettami dell'arte sua, e deve prestare almeno una capacita` ordinaria" (**Vol XXVII pI p374**).
(ii) "L-artefici ghandu jiggarantixxi l-bonta tax-xoghol tieghu; u din il-garanzija hija mplicita. Huwa tenut anki ghall-kolpa ljevi" (**Vol XL pI p485**).
(iii) "L-appaltatur ghandu jezegwixxi x-xoghol lilu kommess fis-sens li huwa ghandu l-obbligu wkoll li jara li dan ix-xoghol ikun sejjer isir utilment u mhux b'mod li l-quddiem juri difetti. F'kaz bhal dan hu ghandu mill-ewwel ma jaghmilx ix-xoghol jew ikollu jirrispondi ghad-difetti li jigu 'il quddiem" – "**Mario Blackman –vs- Carmelo Farrugia et noe**", Appell Kummercjali, 27 ta' Marzu 1972.

A prima vista l-lanjanza fil-meritu tas-socjeta` konvenuta appellanti tidher apparentement gustifikata meta jigi osservat illi l-perit tekniku irrelata illi "l-kwalita` tal-madum uzat huwa ta' kwalita` tajba" u "x-xoghol tat-tqeghid sar kif titlob l-arti u s-sengha". Ciononostante, meta r-relazzjoni peritali tigi ezaminata sew u evalwata anke minn dak opinat mill-istess espert tekniku in eskussjoni (fol 66) jirrizulta li l-fehma generika fuq espressa mill-istess tekniku hi temperata mill-fatt illi kien hemm difetti, anke jekk mhux fuq skala kbira, fl-operat tas-socjeta` konvenuta. Huwa jattribwixxi dan id-difett ghar-raguni li l-"grouting" ma lahaqx il-fond tal-madum f'area ta' tnax il-metru kwadru. Gie, mbaghad, minnu konstatat illi

nonostante t-tentattivi ta' xoghlijiet rimedjali billi regghet thallbet din l-area xorta wahda r-rizultat finali ma kienx dak mixtieq. Huwa presumibbli, jekk mhux ukoll ovvju, illi dan l-accertament u verifika saret mill-perit tekniku wara li kienu gja saru x-xoghlijiet rimedjali, u dan ukoll qabel l-intavolar tal-proceduri.

Konsegwentement minn dak appena premess l-aggravju tas-socjeta` appellanti f'dan il-kuntest hu destinat li jfalli.

Fejn invece din il-Qorti thoss li l-lanjanzi huma meritevoli ta' akkoljiment jirrigwarda l-aggravji dwar il-likwidazzjoni tad-danni u tal-ispejjez tal-kawza.

L-ewwel Qorti ma adduciet l-ebda motivazzjoni il-ghala kienet qed tattribwixxi percentagg ta' hamsa u ghoxrin fil-mija (25%) ta' l-ammont globali tad-danni reklamati meta kellu jkun invece aktar konsonanti mad-deduzzjoni tal-espert taghha illi l-attribuzzjoni tax-xoghol difettuz kien jikkorrispondi ghal tnax fil-mija (12%) biss tal-ispiza totali. Il-Qorti tahseb li dak li gara kien li l-ewwel Qorti erronjament ikkaptat dak il-percentagg li l-perit tekniku, bl-adozzjoni ta' l-arbitriju, stabilixxa fil-kaz tal-ispejjez gudizzjarji.

Il-Qorti ma tara l-ebda raguni konvincenti il-ghala fil-kaz tal-likwidazzjoni tad-danni ma kelliex tigi segwita r-relazzjoni peritali meta l-opinjoni teknika espressa fiha, bhala espressjoni ta' gudizzju, tidher aktar konformi mar-rizultanzi, u l-konkluzjonijiet raggunti. Certament, fil-fehma tal-Qorti, ma jirrizultax mill-atti illi ngiebet xi raguni plawsibbli li gravement poggiet fid-dubju dik l-opinjoni teknika u allura ma kienx il-kaz li minghajr raguni bhal din titbieghed mill-konkluzjoni ta' l-aspett tekniku tal-materja taht ezami.

Dan dedott, il-Qorti hi tal-fehma illi, bl-adozzjoni tar-relazzjoni peritali, ghandha tirreduci l-ammont tad-danni likwidati mill-ewwel Qorti ghas-somma ta' mija u tletin lira Maltija, tlieta u tletin centezmu (Lm130.33,0) kif likwidat u stabbilit mill-perit tekniku.

Kwantu ghall-ispejjez gudizzjarji anke kieku, gratia argomenti, kien il-kaz li tigi affermata l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti dwar il-likwidazzjoni tad-danni, l-istess ma tara l-ebda koerenza fil-gudizzju moghti riferibilment ghall-imputabilita` tal-ispejjez gudizzjarji kollha fuq is-socjeta` appellanti.

Issa hu veru illi fl-applikazzjoni u l-interpretazzjoni ta' l-Artikolu 223 tal-Kap 12 tezisti gurisprudenza li ma kkonsidratx ir-regoli tal-precitat dispost tal-ligi bhala talment inflessibbli li ma jippermettux temperament jew deroga minnhom, anke billi addirittura f'certi kazijiet twahhal l-ispejjez kollha lill-parti proceduralment vincenti (**Vol XLIX pI p190**). Fil-kaz prezenti tenut rigward ta' dak pretiz u ta' dak effettivament likwidat il-Qorti tqis li jkun aktar gust jekk l-ispejjez gudizzjarji jigu mizurati jekk mhux ghal kollox konfacjenti mal-percentwali tax-xoghol dikjarat difettuz ghallanqas bl-akkoljiment tas-suggeriment peritali fir-rigward, ossija billi jinqasmu hamsa u sebghin fil-mija (75%) ghas-socjeta` konvenuta u hamsa u ghoxrin fil-mija (25%) ghall-atturi.

Ghal dawn il-motivi prevja l-akkoljiment tal-aggravji limitatament dwar il-likwidazzjoni tad-danni u tal-ispejjez gudizzjarji, din il-Qorti qed tilqa' l-appell interpost fis-sens illi qed tirreduci l-ammont tad-danni ghal mija u tletin lira Maltija, tlieta u tletin centezmu (Lm130.33,0), bl-interessi dekorribbli kif jinghad fis-sentenza ta' l-ewwel Qorti. Kwantu ghall-ispejjez taz-zewg istanzi dawn ghandhom jigu sopportati kwantu ghall-kwart ($^{1}/_{4}$) mill-atturi u tliet kwarti ($^{3}/_{4}$) mis-socjeta` konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------